



# UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 14 ta' Marzu 2014  
(OR. en)

2013/0367 (COD)

PE-CONS 46/14

STATIS 28  
AGRI 144  
CODEC 568

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:           REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li  
jemenda r-Regolament (KE) Nru 1166/2008 rigward il-qafas finanzjarju għall-  
perjodu 2014-2018

**REGOLAMENT (UE) Nru .../2014**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' ...**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1166/2008**  
**rigward il-qafas finanzjarju għall-perjodu 2014-2018**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ....

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jistipula li l-Istati Membri għandhom iwettqu sħarriġ dwar l-istrutturi tal-azjendi agrikoli fl-2010, fl-2013 u fl-2016. L-Istati Membri għandhom jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja massima ta' 75 % mill-Unjoni lejn l-ispejjeż ta' twettiq ta' dak l-istħarriġ, soġġetti għal ammonti massimi definiti.
- (2) Sabiex l-istħarriġ dwar l-istrutturi tal-azjendi agrikoli jitwettqu u sabiex ir-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-Unjoni jiġu ssodisfati, huwa meħtieġ finanzjar konsiderevoli mill-Istati Membri u mill-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 stabbilixxa l-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programm ta' sħarriġiet, inklużi għall-ġestjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi tal-bażi tad-dejta użati fi ħdan il-Kummissjoni biex jipproċessaw id-dejta pprovduta mill-Istati Membri, u ffixxa l-ammont għall-perjodu mill-2008 sal-2013.
- (4) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008, l-ammont għall-perjodu mill-2014 sal-2018 għandu jiġi ffixsat mill-awtorità baġitarja u leġiżlattiva, fuq proposta mill-Kummissjoni, abbażi tal-qafas finanzjarju ġdid għall-perjodu li jibda fl-2014.

---

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar sħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u sħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 14).

- (5) Il-pakkett finanzjarju propost għandu jiffinanzja biss it-twettiq tal-Istħarriġ dwar l-Istruttura tal-Azjendi Agrikoli fl-2016 u l-ġestjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp relatati tas-sistemi tal-bażi ta' dejta użati fi ħdan il-Kummissjoni biex tipproċessa d-dejta mressqa mill-Istati Membri.
- (6) Fid-dawl tal-adeżjoni tal-Kroazja u l-ħtieġa li jitwettaq sħarriġ dwar l-istruttura tal-impriżi agrikoli f'dak l-Istat Membru fl-2016, għandha tiġi ffissata kontribuzzjoni massima tal-Unjoni għal kull sħarriġ għall-Kroazja peress li xejn ma ġie previst fl-Att ta' Adeżjoni.
- (7) Il-Kumitat Permanenti għall-Istatistika Agrikola ġie kkonsultat.
- (8) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 13, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4a. Għall-istħarriġ dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli fl-2016, l-ammont massimu għall-Kroazja għandu jkun ta' EUR 500 000.";

(2) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-istħarriġiet tal-istrutturi tal-azjendi agrikoli fl-2016, inklużi l-appropriazzjonijiet meħtieġa għall-ġestjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi tal-bażijiet tad-dejta użati fil-Kummissjoni biex jipproċessaw id-dejta pprovduta mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament, għandu jkun EUR 20 650 000 għall-perjodu 2014-2018.";

(b) jizzied il-paragrafu li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*.

---

\* Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 2012.10.26, p. 1).";

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 14a*

*Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa kollha biex tiżgura li fejn attivitajiet ifffinanzjati skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġiharsu permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u konsistenti u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn ikun xieraq, permezz tal-impożizzjoni ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.
2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' verifika, fuq il-bażi ta' dokumenti u verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotja, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni skont il-programm.

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn finanzjament bħal dan skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96\*, bl-għan li jiġi stabbilit jekk ikunux twettqu frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'konnessjoni ma' ftehim ta' għotja, deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt li jikkonċerna l-finanzjament tal-Unjoni.

Mingħajr ħsara għall-ewwel u t-tieni subparagrafi, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali u l-ftehimiet ta' għotja, d-deċiżjonijiet ta' għotja u l-kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jagħtu espressament is-setgħa lill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF li jwettqu tali awditjar, verifiki u spezzjonijiet fuq il-post.

---

\* Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar kontrolli u spezzjonijiet imwettqa fuq il-post mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi tal-Komunitajiet Ewropej minn frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).";

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---